# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sittax (16) ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru 271/16 FDP**

**ARQ Corporate Limited**
(C 62850)
**vs**

**Rachid Affani**
(Passaport Germaniz 755TV6XT)

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Novembru 2016 fejn s-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef, sebgha mija u erbgha u tmenin Euro u tletin centezmu Euro (€7,784.30) rappresentanti ammont bilancjali ta' servizzi resi lill-intimat mis-socjeta rikorrenti abbazi ta' ftehim datat 14 ta' Ottubru 2014.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-5 ta' Jannar 2017 (fol 30 tergo) gewwa il-Germanja.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017, l-intimat, debitament notifikat, ma deherx u is-socjeta rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront tieghu (fol 32).

Rat illi fis-seduta ta' llum, 16 ta' Marzu 2017, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li t-talba attrici ghadha dovuta, issib li t-talba tas-socjeta attrici kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' sebat elef, sebgha mija u erbgha u tmenin Euro u tletin centezmu Euro (€7,784.30) rappresentanti ammont bilancjali ta' servizzi resi lill-intimat mis-socjeta rikorrenti abbazi ta' ftehim datat 14 ta' Ottubru 2014.**

**Spejjez u Imghax legali kontra l-konvenut kif mitluba fil-avviz promotur.**

**(ft) Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**(ft) Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**